32000R1610

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1610/2000
ta' l-24 ta' Lulju 2000
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3769/92 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3677/90 li jistabilixxi miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiskoraġġixxu d-diverżjoni ta' ċerti sustanzi lejn il-manifattura illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3677/90 tat-13 ta' Diċembru 1990 li jistabilixxi miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiskoraġġixxu d-diverżjoni ta' ċerti sustanzi lejn il-manifattura illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 3769/92 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 3769/92, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2093/97 [3], li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3677/90,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar il-prekursuri u sostanzi kimiċi konklużi bejn il-Komunità u ċ-Ċili [4],

Wara li kkunsidrat it-Taqsima 7(a)(i) tal-Parti B tar-Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti S-20/4 kif adottata fl-20 Sessjoni Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, fejn in-notifiki ta' pre-esportazzjoni jistgħu jintalbu għall-anidride aċetika u l-permanganat tal-potassju billi jkunu kuntrattati partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu f'Drogi Narkotiċi u Sostanzi Psikotropiċi,

Filwaqt li:

(1) L-Komunità hi l-parti kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sostanzi Psikotropiċi [5].

(2) L-obbligi mill-Ftehim imsemmi fuq kif ukoll it-talbiet imsemmija għal notifiki ta' pre-esportazzjoni għall-anidride aċetika u l-permanganat tal-potassju jista' biss ikun hemm konformità magħhom sa fejn il-ħtiġijiet minn qabel ta' l-awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni huma introdotti għas-sostanzi u l-pajjiżi kkonċernati indikati f'L-Anness A mal-Ftehim jew imsemmija fit-talbiet ta' notifika ta' pre-esportazzjoni.

(3) l-Arġentina, l-Benin, il-Bolivja, l-Brażil, il-Gżejjer Cayman, il-Kosta Rika, Ċipru, r-Repubblika Ċeka, l-Etjopja, l-Indoneżja, l-Ġappun, il-Ġordan, il-Makaw, il-Malasja, il-Moldova, n-Niġerja, l-Paragwaj, il-Peru, l-Filippini, l-Federazzjoni Russa, l-Arabja Sawdita, s-Sud Afrika, s-Sri Lanka, t-Tajikistan, it-Turkija u l-Venezwela invokaw l-Artikolu 12.10 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sostanzi Psikotropiċi billi talbu notifiki ta' pre-esportazzjoni għal sostanzi fit-Tabella 1 għal dik il-Konvenzjoni, u f'numru ta' każijiet, l-anidride aċetika u l-permanganat tal-potassju.

(4) l-Annessi II and III għal dan ir-Regolament għandhom jiġu aġġornati biex tassigura konformita shiha ma' l-Ftehim imsemmi hawn fuq u t-talbiet għal notifika ta' pre-esportazzjoni.

(5) Għall-iskopijiet ta' trasparenza, dawn l-Annessi għandhom bżonn jiġu sostitwiti.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Prekursuri tad-Drogi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III mar-Regolament (KEE) Nru 3769/92 huma sostitwiti bl-Anness hawnhekk.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

---

(1) ĠU L 357, ta' l-20.12.1990, p. 1.
(2) ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 17.
(3) ĠU L 292, tal-25.10.1997, p. 11.
(4) ĠU L 336, tal-11.12.1998, p. 48.
(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 1990 li tikkonċerna l-konklużjoni, għan-nom tal-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjoni Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sostanzi Psikotropiċi (ĠU L 326, ta' l-24.11.1990, p. 56).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-24 Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

"L-ANNESS 'L-ANNESS II'

Is-Sostanza	Id-Destinazzjoni	
L-Anidridu aċetiku (1)	L-Arġentina	Il-Messiku
	Il-Benin	Il-Moldova
	Il-Bolivja	Il-Mijanmar (Burma)
	Il-Brażil	In-Niġerja
	Il-Kolombja	Il-Paragwaj
	Iċ-Ċile	Il-Peru
	Il-Kosta	Singapor
	Ċipru	L-Arabja Sawdita
	Ir-Repubblika Ċeka	L-Afrika t'isfel
	L-Ekwador	Is-Sri Lanka
	L-Etijopja	Is-Sirja
	Il-Gwatemala	It-Tajikistan
	Ħong Kong	It-Tajlandja
	L-Indja	Il-Gżejjer Cayman
	L-Indonesja	Il-Filippini
	L-Iran	Il-Federazzjoni Russa
	Il-Ġordan	It-Turkija
	Il-Lebanon	L-Emirati ta' l-Arabja Unita
	Il-Makaw	Il-Veneżwela
	Il-Malasja	
L-Aċidu antraniliku (1)	Il-Bolivja	Il-Messiku
	Iċ-Ċile	l-Peru
	Il-Kolombja	L-Emirati ta' l-Arab Uniti
	L-Ekwador	Il-Veneżwela
	L-Indja	
L-Aċidu Fenilaċetiku (1) Il-Piperidine (1)	Il-Bolivja	Il-Peru
	Iċ-Ċile	L-Emirati ta' l-Arab Uniti
	Il-Kolombja	L-Istati Uniti ta' l-Amerka
	L-Ekwador	Il-Veneżwela
	Il-Messiku	

(1) Dan jinkludi l-melħ ta' dawn is-sostanzi, ħlief għall-aċidu sulfuriku u l-aċidu idrokloriku kull meta l-eżistenza ta' dan il-melħ hija possibbli.

L-ANNESS III

Is-Sostanza	Id-Destinazzjoni	
Il-Keton Metiletilu (1) Toluene (1) L-aċidu Sulfuriku (1)	L-Arġentina Il-Bolivja Il-Brażil Iċ-Ċile Il-Kolombja Il-Kosta Rika L-Ekwador L-El Salvador Il-Gwatemala Il-Ħonduras	Ħong Kong Il-Panama Il-Paragwaj Il-Peru Is-Sirja It-Tajlandja L-Urugwaj L-Emirati ta' l-Arab Uniti Il-Veneżwela
Il-Permanganat tal-Potassju (1)	L-Arġentina Il-Benin Il-Bolivja Il-Brażil Iċ-Ċile Il-Kolombja Il-Kosta Rika Ċipru Ir-Repubblika Ċeka L-Ekwador L-El Salvador L-Etijopja Il-Gwatemala Il-Ħonduras Ħong Kong Il-Ġordan Il-Makaw Il-Malasja	Il-Moldova In-Niġerja Il-Panama Il-Paragwaj Il-Peru L-Arabja Sawdita L-Arfika t' Isfel Is-Sri Lanka Is-Sirja It-Tajikistan It-Tajlandja Il-Gżejjer Cayman Il-Filippini Il-Federazzjoni Russa It-Turkija L-Urugwaj L-Emirati ta' l-Arab Uniti Il-Venezwela
L-Aċetun (1) Ethyl ether (1)	L-Arġentina Il-Bolivja Il-Brażil Iċ-Ċile Il-Kolombja Il-Kosta Rika L-Ekwador L-El Salvador Il-Gwatemala Il-Ħonduras Ħong Kong L-Iran Il-Lebanon	Il-Messiku Il-Mijanmar (Burma) Il-Panama Il-Paragwaj Il-Peru Singapor Is-Sirja It-Tajlandja It-Turkija L-Emirati ta' l-Arab Uniti L-Urugwaj Il-Veneżwela
L-Aċidu Idrokloriku	L-Arġentina Il-Bolivja Il-Brażil Iċ-Ċile Il-Kolombja Il-Kosta Rika L-Ekwador L-El Salvador Il-Gwatemala Il-Ħonduras Il-Ħong Kong L-Iran	Il-Lebanon Il-Mijanmar (Burma) Il-Panama Il-Paragwaj Il-Peru Singapor Is-Sirja It-Tajlandja It-Turkija L-Emirati ta' l-Arab Uniti L-Urugwaj Il-Veneżwela

(1) Dan jinkludi l-melħ ta' dawn is-sustanzi, ħlief għall-aċidu sulfuriku u l-aċidu idrokloriku kull meta l-eżistenza ta' dan il-melħ hi possibbli."